

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Ottubru 2012

li temenda d-Deċiżjoni 2008/855/KE dwar il-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Ungerija

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 7433)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/666/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u ta' prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi,

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 dwar il-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri <sup>(3)</sup> tistipula ċerti miżuri ta' kontroll għad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Istati Membri jew reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness ma' dik id-Deċiżjoni. Dik il-lista tinkludi l-kontea ta' Nógrád fl-Ungerija.
- (2) L-Ungerija għarrfet lill-Kummissjoni dwar żviluppi riċenti fir-rigward ta' deni klassiku tal-ħnieżer fit-territorju tal-kontea ta' Nógrád elenkat fl-Anness mad-Deċiżjoni 2008/855/KE.
- (3) Dik l-informazzjoni tindika li d-deni klassiku tal-ħnieżer nqered fit-territorju tal-kontea ta' Nógrád. Għaldaqstant, il-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2008/855/KE ma għandhomx jibqgħu japplikaw għal dik il-kontea u r-referenza

għal-kontea ta' Nógrád fil-lista stipulata fil-Parti I tal-Anness tagħha għandha titħassar.

- (4) Id-Deċiżjoni 2008/855/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Fil-Parti I tad-Deċiżjoni 2008/855/KE, il-punt 3 hu mibdul b'li ġej:

## "3. L-Ungerija

It-territorju tal-kontea ta' Pest li jinsab fit-tramuntana u fil-lvant tad-Danubju, fin-nofsinar tal-fruntiera mas-Slovakkja, fil-punent tal-fruntiera mal-kontea ta' Nógrád u fit-tramuntana tal-awtostrada E71."

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kummissjoni

Maroš ŠEFČOVIČ

Viċi President

<sup>(1)</sup> ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.<sup>(2)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.<sup>(3)</sup> ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19.